MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2003

Numru 478/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Simon Galea)**

**vs**

**Emanuel Catania**

**Seduta tal-lum 22 ta' Ottubru, 2003.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Emanuel Catania ta' 38 sena, mwieled Qormi, fl-24 ta' Dicembru, 1964, bin Louis w Josephine *nee'* Debono residenti 'Da Tommaso Lido', l-Ghadira, limiti tal-Mellieha detentur tal-karta ta' l-identita' 12065M;

Talli fl-14 ta' April, 2003, bejn is-sitta u nofs u s-sebgha u nofs ta' filghaxija fi Triq Leli Falzon, Naxxar,

volontarjament hassart jew gharraqt hweejeg haddiehor mobbli jew immobbli, cioe' billi tajt daqqiet ta' sieq fiuq il-bieb ta' barra tad-dar 46, 'Myosotis', Triq Leli Falzon, Naxxar, liema ammont ta' hsara jammonta ghal aktar minn hamisn lira Maltin (Lm50) izda ma taccediex il-hames mitt lira Maltin (Lm500), ghad-detriment ta' Michella Catania Cordina minn Naxxar.

Aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi volontarjament ksirt il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi ghamilt lil Michelle Catania Cordina u lil Deborah Cordina ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici, jew jekk ikun ipprovokat, jingurja b'mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti tista wkoll meta jidhrilha xieraq biex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta' haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija titratta ma' l-imputat li recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrat Carol M. Peralta datat 15 ta' Dicembru, 1993, liema sentenza hija definitiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat il-kunsens tal-avukat generali skond l-artikolu 370(4) tal-Kap 9 sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi bil-gurament u rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat illi ftit hemm x'jista' jinghad dwar dan il-kaz ghajr li ma hemm l-ebda prova ta' hsarat u wisq anqas li l-hsarat lamentati saru mill-imputat. Il-Pulizija li marru fuq il-post fil-hin tal-incident qalu li l-kwerelanta uriethom cavetta miksura fi tlieta u ma raw ebda hsarat notevoli fuq il-bieb in kwistjoni. L-imputat ma jidhirx persuna li b'xi

mod straordinarju jista’ .jkisser cavetta fi tlieta. Il-Mastrudaxxa li zebgha l-bieb xehed illi l-bieb kien wasal ghall-lostru l-aktar fil-parti t-isfel u li ma ra xejn kompatibbli ma xi daqqiet. Il-mastrudaxxa qal li l-bieb kien wasal ghal-lostru minhabba l-moghdija taz-zmien meta l-kwerelanta qalet li tad-dar dejjem hadu hsieb l-istess bieb.

Ma ngiebet ebda prova dwar l-allegat ksur ta’ buon ordni.

Ghalhekk il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat u ghal dawn il-mottivi tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------